MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 260/2001/1

**Maria Bol'awb**

**v.**

**Anthony Fenech**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell mill-attrici minn zewg sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Jannar 2006 u ohra tat-28 ta' Frar 2007 li bihom dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

L-attrici kien ipprezentat citazzjoni fejn ippremettiet hekk:
“Illi maghtul l-ahhar erbatax (14) – il sena l-partijiet bnew flimkien u bl-isforzi rispettivi taghhom, negozju ta’ gestjoni ta’ gabbani, ossia kiosks, u senjatament tlett gabbani ta’ l-ikel u xorb f’Bieb il-Belt, bl-isem “Welcome Kiosk”, “Diana Kiosk”, u “Frisco Snack Bar” flimkien ma’ *mobile* kiosk ta’ l-ikel;

“U illi ricentement il-konvenut abbuzivament eskluda lill-attrici mill-gestjoni ta’ l-imsemmija gabbani u approprja l-istess gestjoni ghalih innifsu;

“U illi ghalhekk l-attrici ma tixtieqx li l-assi tan-negozju jibqghu in komunjoni bejn il-partijiet;

“U illi l-konvenut, interpellat sabiex jikkompensa lill-attrici ta’ sehma mill-imsemmi negozju jew billi jigu divizi bejniethom l-assi ta’ l-istess, baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara li l-attrici ghandha sehem indiviz mill-proprjeta` fuq deskritta formanti parti min-negozju bi shab bejn il-partijiet u taqsam l-istess proprjeta` fi kwoti indaqs bejn l-istess partijiet, u f’kaz li ma tistax issir il-qasma tordna li jsir il-bejgh b’licitazzjoni ta’ l-istess assi u taqsam ir-rekavat bejn il-partijiet;

“2. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att tal-qasma f’gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti minn din il-Onorabbli Qorti, u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att, u/jew alternattivament u subordinatament f’kaz li d-divizjoni ma tkunx tista’ ssehh mod iehor, u jidhrilha li ghandha tordna l-bejgh in licitazzjoni ta’ l-assi li ma jirrizultawx altrimenti divizibbli, tiffissa gurnata, hin u lok ghall-bejgh in subasta ta’ tali assi, billi taghti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidhrilha opportuni;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 370/01, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Il-konvenut ipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fit-28 ta' Marzu 2001 (fol. 11) fejn eccepixxa li:-

"1. Illi fl-ewwel lok in-nullita` tac-citazzjoni peress li hija neboluza. Filwaqt li l-attrici fil-premessi tafferma li hi ko-proprjetarja tal-proprjeta` materja tal-kawza fl-ewwel talba tadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li hi ghandha sehem indiviz mill-proprjeta` msemmija. Ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Illi fit-tieni lok, l-attrici ma ghandha ebda interess guridiku li tippromwovi l-kawza kif proposta, peress li l-maggor parti tal-proprjeta` in kwistjoni hija intestata f'isem il-konvenut jew f'isem persuna ohra. Kwindi anke f'dan il-kaz l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici ma ghandha dritt ghall-ebda parti mill-proprjeta` materja tal-kawza peress li kif ser jirrizulta fil-kors tal-provi u trattazzjoni, il-maggor parti tal-proprjeta` giet akkwistata fi zmien antecedenti ghal dak meta l-eccipjent iltaqa' ma' l-attrici u ghalhekk hija ghal kollox bla bazi l-pretensjoni li l-attrici bniet flimkien in-negozju in kwistjoni. Filwaqt li l-proprjeta` l-ohra giet akkwistata unikament mill-attur bi flusu u ghalhekk l-anqas hawn l-attrici ma ghandha dritt ta' proprjeta` u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

"4. Illi *dato ma non concesso* li l-attrici tista' tavanza tali pretensjonijiet, it-talbiet taghha ma jistghux jintlaqghu peress li huma effetti mill-konsegwenzi li ggib maghha l-kawza illecita u dan stante li bejn il-kontendenti kien jezisti konkubinagg. Anke hawn it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

**<u>Decizjoni ta' l-ewwel Qorti tad-9 ta' Jannar 2006.</u>**

B'decizjoni tad-9 ta' Jannar 2006 (fol. 146) il-Qorti ddecidiet billi cahdet l-ewwel eccezzjoni, mentri laqghet it-tieni eccezzjoni fir-rigward tad-Diana Kiosk u l-Welcome Kiosk billi kien jidher car li l-attrici qatt ma setgha jkollha interess f'dawn in-negozji u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward taghhom, izda cahditha fir-rigward tal-Frisco Snack Bar u halliet il-kawza ghall-prosegwiment tal-provi fir-rigward ta' dan il-Kiosk.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:

"Illi l-konvenut qed jeccepixxi n-nullita` tac-citazzjoni u li l-attrici ma ghandha ebda nteress guridiku biex tistitwixxi din l-azzjoni ghaliex il-*maggior parti* tal-proprjeta` in kwistjoni hija ntestata f'isem il-konvenut jew f'isem persuna ohra u ghalhekk anke f'dak il-kaz huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"Ghandu jinghad mill-ewwel ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni li din il-Qorti gia` kellha okkazzjoni diversi drabi biex tosserva li l-emendi li saru fil-Kodici tal-Procedura fl-1995 kienu precizament intizi biex jigu evitati dawn it-tipi ta' eccezzjoni. Fis-sentenza taghha fil-kawza <u>Astra Shop Limited vs Bank of Valletta</u> (2004) il-Qorti qalet fost hwejjeg ohra *fil-waqt li ma jistax jinghad li l-intenzjoni ta' l-atturi m'hix cara l-Qorti tissimpatizza mall-fatt illi li jekk ma jkunx hemm indikazzjoni ghaliex qed tigi allegata n-nullita' tal-kuntratt ikun difficili ghall-konvenuti li jiddefendu ruhhom kif suppost...*

*"In konkluzjoni l-Qorti thoss li filwaqt li ma tistax ma tibbjasimax lill-attur ghall-mod kif giet formulata lill-attur ghall-mod kif giet formulata c-citazzjoni thossx illi ghandha tiddikjara nulla c-citazzjoni ... u anke in vista tal-fatt li l-legislatur fis-snin ricenti ndika kjarament illi l-kawzi ma ghandhomx jitwaqqfu minhabba dawn it-tip ta' difetti...*

"Anke f'din il-kawza wiehed jista' jghid l-istess haga u filwaqt li l-attur ghandu jippepara c-citazzjoni b'mod garbat u b'mod li jindika car u dettaljatament x'qed jitlob mill-

Qorti, il-konvenut ma ghandux jipprezenta eccezzjonijiet ta' dan it-tip semplicement biex ikun ghamilhom. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Fir-rigward ta' nuqqas ta' nteress guridiku l-kwistjoni timmerita iktar indagini. Il-Qrati taghna dejjem adottaw id-definizzjoni tal-Mortara ta' l-interess guridiku ossija b'enfasi fuq l-*utilita' finale.* Fi kliem iehor l-attur irid ikollu interess veru fis-sentenza li jkun qed jitlob u jrid jipprova li ser jiehu xi vantagg mill-istess sentenza.

"L-attrici f'din il-kawza qed tallega li hija ghandha negozju bi shab mal-konvenut u li dan qed jeskludiha mill-gestjoni tal-istess negozju wara li kienu kabbruh flimkien. Fil-fatt huwa car li l-partijiet kienu f'relazzjoni bejniethom mill-1987 u dakinhar il-konvenut gia` kellu kiosk u cioe` dak intestat Diana Kiosk. Certament ghalhekk fir-rigward ta' dan in-negozju ma setghax kien hemm ftehim u ma ghandux ikun parti mill-kawza ghalkemm l-attrici ssemmih fid-dikjarazzjoni guramentata taghha. Skond l-attrici (fol 35 *et sequitur* tal-process) il-konvenut akkwista ukoll kiosk intestat Welcome Kiosk izda tammetti li dan qieghed fuq isem haddiehor – *jien ili naf li l-Welcome kiosk ma kinitx fuq isem l-imharrek minn mindu hallas ghaliha.* L-attrici ghalhekk ma tista' tivvanta ebda dritt lanqas fuq dan ghaliex *semmai* kellha taghmel it-talba fir-rigward tat-terz proprjetarju u ghalhekk hawn il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hemm imbaghad il-Frisco Kiosk illi gie akkwistat mill-konvenut fiz-zmien wara l-1987 u li jidher li hu fuq ismu. Il-fatt li kien applika ghalih qabel l-1987 huwa rrilevanti ghall-fini ta' din l-eccezzjoni u l-Qorti ghalissa m'hiex ser tidhol fil-mertu ta' dan ghaliex dan irid jigi kkunsidrat ghall-fini ta' l-eccezzjonijiet l-ohra."

**<u>Decizjoni ta' l-ewwel Qorti tal-28 ta' Frar 2007.</u>**

Illi b'decizjoni ohra ta' l-ewwel Qorti tat-28 ta' Frar 2007 gew michuda t-talbiet attrici kif proposti, b'riserva ghal kull azzjoni ohra illi tista' tkun spettanti lill-attrici; bl-ispejjez, hlief ghal dawk gja` decizi fl-ewwel sentenza, ghall-attrici. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur

tas-Sigurta` Socjali biex jittiehdu passi li jidhirlu li jistghu jittiehdu fil-konfront tal-kontendenti.

Il-Qorti hekk immotivat din it-tieni is-sentenza taghha:

“Illi l-fatti li taw lok għall-kawża kienu dawn. Il-kontendenti kienu f’relazzjoni illi issa ntemmet. Fil-fatt minn din ir-relazzjoni li bdiet fl-1987, huma kellhom tlett itfal. F’dan il-perjodu l-konvenut beda jiġġestixxa l-*Fresco Snack Bar* u l-attriċi qed titlob li hija għandha dritt għal nofs mill-ġestjoni ta’ dan il-bar.

“Fuq il-fatt li l-partijiet kienu jgħixu flimkien ma hemm ebda dubju. Huwa minnu li l-konvenuta kellha wkoll indirizz fil-Floriana iżda jidher li dan kien jinżamm l-iktar biex l-attriċi tibqa’ tirċievi l-assistenza soċjali. Dan huwa naturalment abbuż flagranti tas-sistema barra li jikkostitwixxi frodi da parti tal-partijiet fil-konfront tal-Gvern, u l-Qorti ma tistax ma tiħux passi dwaru għaliex il-partijiet għexu bħal miżżewġin għal erbatax-il sena, il-konvenut kellu dħul tajjeb (kien jiġġestixxi wkoll żewġ stabbilimenti simili oħra) u l-attriċi baqgħet tirċievi l-assistenza soċjali għaliha u uliedha, kompriżi t-tlett itfal li kellha mingħand il-konvenut.

“It-talba tal-attriċi għalhekk hija bbażata fuq l-istitut ta’ l-hekk imsejjaħ *prestanome* u cioe` meta persuna takkwista akkont ta’ persuna oħra. Fil-kawża fl-ismijiet Professur Anthony Mamo noe vs. Charles Sant Fournier (Qorti ta’ l-Appell – 2 ta’ Mejju, 1957) intqal hekk:
““*Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jeżerċita drittijiet ta’ proprjetarju mentri fir-realta’ mhux ħlief il-mandatarju. Meta hu, f’din il-kwalita’ ta’ mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta’ tal-ħaġa kwalita’ ta’ mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta’ tal-ħaġa immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi trasferita l-proprjeta’ tal-ħaġa u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirenti mhux ħlief mandatarju. Għar-rispett ta’ terzi jibqa’ l-prinċipju illi rispett għal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw għall-konvenzjoni palesi, ma jipproduċu ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi għall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-*

*mandatarju prestanom jiġu retti mil-liġi tal-mandat u l-ħwejjeġ minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant.*"

"Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et ġie ċitat il-Pothier (Mandato capo II Sezione iii para 2 No 59) – "*se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa il-mandatario che si e' incaricato del mio mandato e che ha comprato e che si e' fatto consegnare la cosa, deve restiturimela, ancorche ne avesso fatto l'acquisto in su nome*."

"F'dan il-każ pero` l-Qorti hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda ftehim *sigriet* simili. Huwa minnu li l-attriċi kienet tgħix mal-konvenut u ma hemmx ukoll dubju li kieku l-partijiet kienu miżżewġin hija kien ikollha n-nofs indiviż minn kull ma akkwista l-konvenut f'dak il-perjodu. Iżda sal-lum il-liġi tagħna ma tagħti lill-konviventi ebda dritt simili għal dak li tagħti lill-miżżewġin f'kull ma jakkwistaw. Jista' jkun li hija kienet tagħmel xi xogħol u kienet tassisti lill-konvenut fit-tmexxija tal-ħwienet iżda dan ma jfissirx li meta l-konvenut ħa l-*bar* in kwistjoni kien hemm xi ħsieb bejn il-partijiet li jieħduh flimkien – dan ma jirriżulta minn imkien mill-provi. Fi kliemha stess "*Jien ma għamilt ebda kuntratt mal-konvenut dwar dan li qed nitlob fiċ-ċitazzjoni, jien kont biss ngħaddilu ċ-ċekkijiet taċ-children's allowance biex ikun jista' jagħmel l-ispejjeż ta' dawn il-kjoskijiet.*" Għalhekk jekk l-attriċi kellha xi dritt dan kien jikkonsisti filli tiġi kompensata għal xogħlha."

## Rikors ta' l-appell ta' l-attrici

L-attrici hasset ruhha aggaravata bid-decizjonijiet ta' l-Qorti ta' l-ewwel grad u interponiet appell minnhom. In succint, l-aggravji taghhom huma s-segwenti.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li l-attrici ma kelliex interess guridiku sabiex tippromovi l-kawza ghar-rigward tal-Kiosks.

Fit-tieni aggravju l-appellanti tghid li a bazi tas-sentenza finali tat-28 ta' Frar 2007, l-ewwel Qorti ddikjarat li l-kawza kienet msejsa fuq il-principju tal-prestanome u ghalhekk a bazi ta' dan il-principju t-talbiet attrici kellhom jigu milqugha u mhux michuda.

It-tielet aggravju hu li l-kawza ma kienitx msejsa limitatament fuq il-principju tal-prestanome billi l-attrici ghandha sehem indiviz mill-gestjoni tat-tlett gabbani peress illi hi mhux biss kienet tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-gestjoni ta' dawn il-gabbani imma kkontribwiet ukoll ghalihom b'xogholha.

**Risposta ta' l-appell tal-konvenut.**

L-appellat wiegeb li s-sentenzi appellati huma gusti u jimmeritaw konferma.

L-ewwelnett l-appellanti ma kellha ebda interess guridiku fil-proprjetajiet in kwistjoni billi mhiex ko-proprjetarja tal-fondi mertu tal-kawza.

L-appellat jikkontendi li hu dejjem agixxa f'ismu personali u qatt ma kien hemm xi mandat prestanome da parti ta' l-appellanti biex hi tkun ko-partecipi f'xi akkwist tal-kirjiet jew gestjoni tal-gabbani.

Fl-ahharnett l-appellat ighid li dak li qed titlob l-attrici hu sehemha minn proprjeta` immobbli izda ma tistax takkwista dritt mill-proprjeta` semplicement ghax agixxiet speci ta' manager u kkontribwiet b'xogholha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti.**

Illi l-ewwel Qorti, bis-sentenza taghha tad-9 ta' Jannar 2006, kienet iddecidiet li l-attrici ma kellhiex interess guridiku li tipproponi din il-kawza fir-rigward ta' Kiosk Diana, billi dana diga` kien fuq isem il-konvenut qabel ma sar jaf lill-attrici, mentri fil-kaz tal-Kiosk Welcome, l-attrici stess ammettiet li dan ma kienx fuq isem il-konvenut imma fuq isem haddiehor.

Bis-sentenza l-ohra tat-28 ta’ Frar 2007 l-ewwel Qorti ddecidiet ukoll li l-attrici ma kellhiex sehem fil-kiosk l-iehor Frisco Snack Bar billi hi u l-konvenut ma kienux mizzewgin fil-perjodu meta l-konvenut akkwistah u meta kien imexxi dan il-kiosk. Jekk l-attrici kellha xi dritt, dan kien jikkonsisti filli hi tigi kompensata ghax-xoghol li pprestat. L-ewwel Qorti sabet li dan ma kienx kaz ta’ mandat *prestanome.*

L-appellanti tghid li hi ghandha interess fit-tlett kiosks; fir-rigward ta’ Frisco Snack Bar issostni li ghandha sehem indiviz mill-proprjeta` jew gestjoni tieghu billi meta dan il-Kiosk gie akkwistat l-appellat kien deher bhala prestanome ghaliha. Fil-kaz ta’ Diana Kiosk u Welcome Kiosk tghid li ghandha interess billi hadet sehem attiv fill-gestjoni tan-negozju ta’ dawn il-gabbani billi kkontribwiet finanzjarjament u b’xoghol idejha.

Issa, l-interess huwa l-bazi ta’ l-azzjoni. Fil-kuntest ta’ l-interess guridiku, it-terminu ‘guridiku’ jfisser mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma li dan kellu wkoll ikun tali li jissarraf fi pretensjoni ta' ezercizzju ta' dritt kontra l-persuna mharrka.

Fil-kaz tal-Frisko Snack Bar l-appellanti tammetti li hija qatt ma ghamlet kuntratt ma’ l-appellat dwar dak li qeda titlob fic-citazzjoni, izda ssostni li jidher car mill-provi li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet li la darba hi kienet qed tikkontribwixxi finanzjarjament u b’xogholha fir-rigward tal-Kiosk, hija kellha tkun ko-titolari tal-gestjoni tal-kiosk in kwistjoni. Ghalhekk ghalkemm l-appellat deher wahdu fuq il-kuntratt meta xtara dan il-kiosk, fil-fatt hu kien qed jagixxi bhala mandatarju prestanome ghaliha.
F’dan ir-rigward l-appellat jichad li qatt kien hemm xi ftehim li hu kellu jidher ghall-appellanti fuq il-ftehim li sar meta akkwista l-Frisko Snack Bar. Anzi hu jikkontendi li l-appellanti lanqas biss kienet taf li kien akkwistah, tant hu hekk li saret taf b’dana meta hu kien qalilha bih (ara fol. 64). Ghalkemm l-appellanti tghid li f’xi zmien kienet qaltlu biex jixtrih imbaghad huma jahdmu u jhallsuh, fil-fatt ma ngabet ebda prova li kien hemm mandat specifiku biex f’dana l-akkwist l-appellat jidher ghaliha. Alfred Zammit, l-

*accountant* ta' l-appellat, xehed li n-negozju tat-tlett gabbani kien fuq isem l-appellat biss u l-formula ta' l-*income tax* dejjem kienet tkun fuq isem l-appellat biss. Jigi puntwalizzat pero` li fil-kaz ta' dawn il-gabbani l-appellat qatt ma akkwistahom bi proprjeta` imma hu kien jikri biss minghand il-Lands (ara fol. 112/3 u fol 26 et seq).

Kwantu ghall-Kiosk Diana jirrizulta li l-appellat kien akkwistah qabel ma ltaqa' ma' l-appellanti (ara fol. 50) u anke l-appellanti stess tammetti li meta hi ltaqghet ma' l-appellat, dak iz-zmien hu diga` kellu dan il-kiosk (ara fol. 35). Jirrizulta li l-appellat jikri dana l-kiosk u jhallas il-kera lill-Lands (ara fol. 19).

Dwar il-Welcome Kiosk jirrizulta mill-provi li dan il-kiosk qatt ma dar fuq isem l-appellat u s-sid kien certu Joseph Agius u li l-appellat kien ghamel biss xi zmien juzah izda mbaghad kien tah lura lill-Agius ghax ma kompliex.
Nonostante dan kollu li jirrizulta, l-appellanti tippretendi li hija xorta ghandha sehem indiviz mill-imsemmija gabbani stante l-fatt li kellha responsabilita` kbira rigward taghhom billi ikkontribwiet finanzjarjament u kienet anke tahdem sighat twal sabiex in-negozju jibqa' sejjer tajjeb.

Fic-citazzjoni l-appellanti kull ma talbet kien sehemha mill-proprjeta` immobiljari izda jidher li issa qed tipprova torbot il-fatt li hija kienet ikkontribwiet b'xogholha f'dan in-negozju biex tghid li minhabba f'hekk akkwistat id-dritt jew xi dritt proprjetarju fuq dawn il-gabbani. Il-Qorti pero` tirrileva li dritt fuq proprjeta` ma jigix akkwistat bis-semplici fatt li wiehed ikun hadem ghal dik il-proprjeta` imma skond kif tipprovdi l-ligi.

F'dan il-kaz il-Qorti trid thares lejn x'kienu t-talbiet attrici fic-citazzjoni billi huwa l-att promotorju, kif intavolat, it-talbiet u l-premessi ghalihom li jiffissaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita il-gudizzju taghha (**Refalo noe v. J.Azzopardi et** Oct 1997). Ghalhekk japplika l-principju *selecta una via non datur recursus ad alteram.* It-talba ta' l-appellanti kienet ghad-divizjoni ta' sehemha minn dina l-proprjeta` u fin-nuqqas issir il-licitazzjoni, izda rrizulta li ma hemm ebda proprjeta` immobbiljari x'tigi

diviza jew li hija ghandha sehem fiha, u ghalhekk ma tistax tippretendi li din il-Qorti tezercita l-gudizzju taghha fuq talbiet ohra li ma jissemmewx fl-att promotorju, salv naturalment kwalunkwe dritt iehor spettanti lill-appellanti, kif semmiet l-ewwel Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati. Bl-ispejjez ta’ l-ewwel istanza u ta’ dan l-appell ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------